Minn ANTHONY PISCOPO

# L-ARLOĠĠI TAL-FAĊĊATA TAL-KNISJA TAGĦNA

**JEKK MINN FUQ IL-FOSOS TAGĦTI ĦARSA LEJN IL-FAĊĊATA TAL-KNISJA ARĊIPRETALI TAGĦNA, TARA Ż-ŻEWĠ ARLOĠĠI LI JINSABU TAĦT IL-KAMPNARI . DAK TAX-XELLUG JURIK IL-ĦIN U DAK TAL-LEMIN LI HU FINTA, META TĦARES LEJH IFAKKREK FI ĠRAJJA TA' META FIT-28 TA' APRIL 1942 FIT-TMIENJA NIEQES GĦAXRA TA' FILGĦODU KIENET INTLAQTGĦET IL-KNISJA FL-AĦĦAR GWERRA DINJIJA MMARKAT BID-DATA 28.APR.1942 U BIL-ĦIN 07.50 a.m.**

Fiż-żewġ arloġġi hemm x'wieħed jirrakonta kif ser naraw iżjed 'il quddiem f'dan l-artiklu, għax jekk nibdew bl-arloġġ tax-xellug li jimmarka l-ħin, forsi qatt m'għaddielek minn rasek li f'kull erbgħa' u għoxrin siegħa jekk tgħodd it-tokki jinstemgħu 602 imqassma f' 244 tokk għall-kwartiet u 358 tokk għas-sigħat.

Fl-ambjent li qed ngħixu fih illum, ambjent mimli storbju fit-toroq, mhux dejjem jirnexxielek tisma' dawn it-tokki. Darba wieħed anzjan li kien joqgħod fil-viċinanza tal-knisja, karab miegħi u talabni nwassallu leħnu biex jekk jista' jkun bil-lejl dawn it-tokki ma jindaqqux għax ma kienux qed iħalluh jorqod. Biex isaħħaħ kliemu, l-anzjan kompla jgħidli li llum l-arloġġi tal-knejjes m'hemx aktar użu għalihom għax illum kulħadd bl-arloġġi kemm fid-djar u kemm fl-idejn.

Illum ftit huma dawk li joqogħdu jistennew l-arloġġ tal-knisja jdoqq, wisq iżjed li ħafna min- nies l-arloġġ ma jifmuhx għax qatt ma pprattikawh. Min jaf kemm hawn li l-anqas qatt innutaw li t-tokki li jindaqqu għal-ħin ta' nofs inhar nieqes kwart kif ukoll f'nofs il-lejl nieqes kwart it-tokki li jindaqqu huma ta' 3 u 13.



Tokki 3 – 13

## TLIETA U TLETTAX

Tom Medley, Furjaniż li kien jafu kulħadd, illum fil-mistrieħ ta' dejjem daqs ħamsa u għoxrin sena ilu kien kiteb serje ta' artikli li f'wieħed minnhom isemmi dawn it-tokki ta' 3 u 13. Dak iż-żmien jien kont editur tal-gazzetta 'Il-Furjana' u fil-ħarġa Vol. III, No. 31, Godwin Camilleri bil-kortesija ta' l-awtur li kien għamel traduzzjoni ta' l-artiklu mill-Ingliz għall-Malti u ppublikajnih fil-ħarġa msemmija u kont erġajt ippublikajtu fil-ktieb pro-




Il-Qanpiena tal-Kwartiet


Il-Qanpiena tas-Siegħat

gramm tal-festa 1995 ippublikat mill-Grupp Ħidma San Publiju li tiegħu dak iż-żmien kont l-editur.

It-tokki li nisimgħu jindaqqu mill-arloġġ, jindaqqu permezz taż-żewġ qniepen li hemm fl-irkejjen tal-kampnar ta' fuq l-arloġġ fejn hemm mill-qanpiena li sas 7 ta' Awissu 1954 konna nsibuha bil-qanpiena l-kbira sa ma l-għada kienet ittellgħet oħra fil-kampnar l-ieħor u ħaditil-ha postha.

Dawn iż-żewġ qniepen żgħar għandhom bħal martell imqabbad mal-magna ta' l-arloġġ u permezz ta' 'wire rope' li meta kull kwarta jasal il-ħin, il-'wire' jinġibed l-isfel u l-martell jissabbat fuq barra tal-qanpiena għall-kwartiet u l-istess jissabbat għal fuq dik tas-sigħat li bejniethom f'kull erba' u għoxrin siegħa jissabtu għal sitt mija u tnejn.

## IL-KAMRA TA' L-ARLOĠĠ

Wara l-arloġġ kif narawh minn barra hemm kamra magħrufa bħala l-kamra ta' l-arloġġ li fiha hemm il-magna bid-data fuqha li kienet inġiebet mill-Italja fl-1834, propju 100 sena qabel twelidt jien fl-1934.

Għal 150 sena, din il-magna kienet titħaddem billi s-sagristan jew xi ħadd imqabbad minnu kull 24 siegħa kien ikollu jitla' jagħti l-ħabel lill-arloġġ.

Biex tasal fil-kamra kien ikollok titla' 96 tarġa u 12-il skaluna tas-sellum li mill-art iwasslek sa fuq raff ta' l-injam li min fuqu tkun tista' tagħti l-ħabel lill-arloġġ. Min jaf x'jimmaġina l-qarrej hu u jaqra meta qed nghid 'jagħti l-ħabel lill-arloġġ'. Din l-operazzjoni tikkonsisti billi dak li jkun jaf jasal fuq ir-raff, diga' b'nifsu maqtugħ, jaqbad l-imrazz u jdaħħlu fil-fus ta' l-ingranaġġ tal-kwartiet u jtella' l-ewwel mażżra , imbagħad jagħmel l-istess għal mażżrat tas-siegħa li dawn jinsabu fiż-żewġ trufijiet tal-magna. Il-mażżra tan-nofs li hi biex tħaddem il-pendlu, titla' bl-istess mod, iżda li ma fihiex ingranaġġ.


Il-magna ta' l-Arloġġ

Għas-sagristan din kienet biċċa xogħol ta' taħbil il-moħħ għax din ħaġa li kellha ssir kuljum bilfors għax inkella l-arloġġ jieqaf u jekk jieqaf lis-sagristan kienet tinqagħlalu problema oħra għax ikun irid isib lil xi ħadd jifhem ħalli jirrego-lah billi jdawwar il-minutieri u jagħmilhom mal-ħin eżatt.

Mhux is-sagristani kollha kellhom personithom ittihom



L-iskaluna u r-raff

biex jitilgħu jagħtu l-ħabel lill-arloġġ. Dawk bħali li laħqu lis-sagristan Toni Tabone, li kulħadd kien isibu b'Toni l-Fixu, kien tant oħxon li mhux biss is-sellum ma' kienx jifilħu, iżda l-anqas kien jista' jgħaddi minn fuq ir-raff, biex jagħti l-ħabel l-arloġġ.

L-aktar sagristan li tela' jagħti l-ħabel lill-arloġġ, almenu minn wara l-gwerra 'l hawn kien Karmenu Zammit li dam f'din il-kariga għal kważi għoxrin sena. Karmenu biex ngħid hekk ma kien jafda f'ħadd u jekk jista' jkun il-ħabel kien jagħtih hu li ma' jmurx ikun hemm xi ħadd u jbagħbas xi ħaġa u jtelliflu l-ħin, għax għal ħin Karmenu kien iffissat.

Meta ż-żmien beda jagħfas fuq Karmenu, beda jilmenta li mhux qed jiflaħ aktar għal dawk it-turġien u jgerger illum u jgerger għada, l-Bambin bagħtlu ġenju............. u dawk it-turġien għal sena u nofs qabel irtira ma telagħhomx aktar kif ma' telagħhomx Jerry s-sagristan ta' llum u jibqgħu ma' jitilgħuhomx ukoll is-sagristani tal-ġejjieni li għad ikollna fil-knisja tagħna.



### TONI BUGEJA ĠENJU

Jekk wieħed jagħmel ftit kalkoli bejn wieħed u ieħor minn dak inhar li beda jiffunzjona l-arloġġ fl-1834 sa l-1984 b'din is-sistema, l-arloġġ ingħata l-ħabel għal aktar minn erba' u ħamsin elf darba u dawk l-'aktar' neħħejthom biex jagħmlu tajjeb għal meta l-arloġġ mhux dejjem ingħata l-ħabel fi żmien il-gwerra u xi drabi meta kellu xi ħsarat.

Kellu jkun il-krib ta' Karmenu s-sagristan li qanqal lil Tony Bugeja li jagħmel din l-opra, opra li tista' tgħidilha opra moħbija iżda li solviet din it-tbatija kollha li diga' rrakuntajt.

Fil-ktieb programm tal-Festa 1997, maħruġ mill-grupp Ħidma San Publiju, Tony Bugeja jirrakonta din il-biċċa xogħol ġenjuża tiegħu.



Toni l-Fixu

*"Darba ġie fuqi Karmenu s-sagristan u qalli: 'Ton ara tagħmilx xi ħaġa għax ma' niflaħx nitla' u ninżel aktar mat-taraġ biex nagħti ħabel lill-arloġġ'. Ħsibt fuq dak li qalli Karmenu u għedt, 'Kos sewwa kieku kellu jiġu l-ħabel mill-kamra tas-siġġijiet u bdejt inberren f'moħħi kif dan il-pjan jista jseħħ. Għaddew xi sena u nofs u fl-aħħar kelli idea tajba ta' x'jista jsir.*





Tony Bugeja mal-Mekkaniżmu ta' l-Arloġġ



Is-Switch Board

*Għalhekk mort inkellem lill-Monsinjur Fenech li dak iż-żmien kien l-Arċipriet u għedtlu b'dan il-proġett. Wara li semgħani qalli: 'Intik risposta aktar tard.' Xi ġimgħatejn wara l-Mons għajjatli u qalli li kien ħa parir tekniku u qalulu li din il-ħaġa ma' tistax issir. Jien irrispondejtu li jien kont konvint li din setgħet issir. Il-Mons qagħad jaħseb naqra u qalli 'O.K., tista' tibda', u hawn bdiet taħdem il-providenza tal-Mulej. Biżżejjed ngħid li l-muturi waħedhom kienu jqumu Lm450, barra aċċessorji oħra li kellu bżonn. Somma li l-knisja tagħna f'dak iż-żmien ma' setgħetx taffordja. Imma Alla ried li Charlie Camilleri laqqagħni mal-ħabib tiegħu Michael Vella (illum ħabib tiegħi wkoll) u dan issupplixxieni b'ħafna materjal li minnu stajt naħdem il-magni ta' l-arloġġ.*

*Ix-xogħol attwali beda f' Diċembru ta' l-1983 fil-ħanut ta' Charlie fejn konna niltaqgħu dak iż-żmien u hemm bdejna nirmuntaw il-magni fuq 'plates' tal-ħadid. F'dan ix-xogħol kelli l-għajnuna ferm siewja minn Charlie, Tony Debattista, Tony Formosa u Mike Vella, li mingħajrhom żgur li kienet tkun impossibli li nkompli għax l-uġiegħ ta' ras ma naqasx, imma l-inkoraġġament u xi ċajta wkoll ma' naqsitx min-naħa tagħhom u dan minbarra l-għajnuna fiżika.*

*Meta tlestew il-magni, bdiet l-fażi l-aktar skabrużа tax-xogħol, dik li nirmuntaw il-magni ta' l-arloġġ mingħajr ma' mmissulu xejn mill-oriġinalita' tiegħu.*

*Dan ix-xogħol dam sejjer erba' xhur u wara li tlesta bdejna naħdmu fuq il-parti elettrika tal-proġett li kienet tikkonsisti fi 'switch board' li min fuqu stajt nkun naf x'inhu jiġri fl-arloġġ, bħal per eżempju jekk il-'clutches' daħlux jew le u dan ried jiġi kkumnikat mal-magna ta' l-arloġġ.*

*Bl-għajnuna t'Alla dan ix-xogħol tlesta wkoll u fl- 1 ta' Ġunju ta' l-1984 għafast is-'switch' li permezz tiegħu mażżri telgħu għall-ewwel darba bl-elettriku. Kien jum ta' ferħ u sodisfazzjon għalina li ħdimna fuq dan il-proġett li rajnih jintemm b'suċċess".*

Illum 13 il-sena wara l-arloġġ bħal Johnnie Walker ' is still going strong'. Bla dubju, Bugeja kien ferm umli f'kitbietu u ma' setax ifaħħar lilu nnifsu għal din il-biċċa xogħol (opra kbira) li rnexxielu jagħmel . Jien li ħdimt miegħu f'ħafna xogħolijiet oħra fil-knisja u l-ħitan tagħna, irnexxieli niskopri t-talenti li Tony Bugeja hu mżejjen bihom.

Nhar it-Tlieta l-1 ta' Ġunju li ġej din l-opra tkun għalqet għoxrin sena li saret.

**L-ARLOĠĠ FINTA**

Fil-bidu ta' dan l-artiklu ktibt li ġo dan l-arloġġ finta qed ifakkar ġrajja ta' meta kienet intlaqtgħet il-knisja fl-aħħar Gwerra Dinjija permezz tad-data u l-ħin li kienu saru fuqu għoxrin sena ilu.


L-arloġġ finta


Ix-xitan



Fil-ktieb Programm tal-Festa ppublikat mill-Grupp Hidma San Publiju, qed jidher artiklu tieghi bl-isem "MANIFESTAZZJONIJIET NAZZJONALI FIL-FURJANA FIS-SEKLU XX" u bhala preparamenti nhar l-Erbgha 22 ta' Jannar li ghadda, festa liturġika ta' San Publiju, filghodu konna fis-sagristija qed naghżlu xi ritratti tal-manefestazzjonijiet li saru quddiem il-knisja biex jidhru fl-artikolu li semmejt u dak il-hin ġie Dun Ġużepp Borg Micallef li fil-Furjana jafu kulhadd.



**L-ARLOĠĠ TAX-XITAN**

Dun Ġużepp, qabad wiehed mir-ritratti f'idejh u wara li qaghad ihares lejh, rrakuntalna li darba meta kien l-Indja ra ktieb b'ritratt ġo fih tal-faċċata tal-knisja Arċipretali taghna ippublikat minn wiehed studjuż ta' l-arloġġi li jghid li l-knejjes jaghmluhom b'żewġ arloġġi apposta biex ihawdu lix-xitan.

B'kumbinazzjoni tlitt ijiem wara minn dan ir-rakkont ta' Dun Ġużepp, f'wahda mill-gazzetti lokali kien hemm artiklu li qabel kelma b'kelma ma' dak kollu li kien irrakontalna d-Dun.

"BIEX IHAWDU LIX-XITAN LI JDUR MINN POST GHALL-IEHOR, IL-KNEJJES GHANDHOM ŻEWĠ ARLOĠĠI FIL-KAMPNAR TAGHHOM. WIEHED JAQRA L-HIN VERU U L-IEHOR JINSAB HEMM BHALA DEKORAZZJONI U B'HIN HAŻIN.

SKOND IT-TRADIZZJONI MINHABBA F'HEKK IX-XITAN JIĠI MQARRAQ U PERESS LI MA' JKUNX JAF LIEMA HU L-HIN PRECIŻ, MA' JKUNX JISTA' JIĠBOR L-ERWIEH TA' DAWK LI JKUNU QED IMUTU."

Int qarrej, emminta din?.......

Ghax jien kittieb ta' dan l-artikolu m'emmintix.